# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**Sentenza**

Mogħtija illum, sebgħa (7) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 292/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Joseph Curmi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Joseph Curmi**, iben John u Lela nee Attard, imwieled fil-ħmistax (15) ta' Diċembru 1966 u residenti fil-fond numru tnax (12), "Bambinu", Triq Għajn Tuta, Fontana, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 371783(M) fejn huwa ġie akkużat li mingħajr il-ħsieb li jisraq jew jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu fixkel lil Joseph Nazzarenu Attard fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Joseph Nazzarenu Attard skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: lejn l-aħħar ta' Diċembru 2022, il-Pulizija rċeviet ittra mingħand il-kwerelant Joseph Attard fejn dan irrapporta li fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru 2022 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30hrs) kien rċieva telefonata mingħand il-kuntrattur tiegħu Noel Grima li kien qabbad sabiex jibnilu binja ġewwa art fi Triq Ġorġ Pisani, Rabat, Għawdex. Grima infurmah li persuna li aktar tard ġiet identifikata bħala Joseph Curmi residenti fil-Fontana kien daħal ġewwa din l-art fejn beda jgħidlu li din l-art kienet tiegħu u biex jieqaf immedjatament mix-xogħol. Attard ċempel lil Joseph Curmi fejn meta dan identifika lilu inniffsu, Curmi beda jheddu li se jiftaħlu kawża l-Qorti għall-fatt li kien seraqlu l-art u biex immedjatament jieqaf milli

jkompli jibni. Attard sostna li l-art hija tiegħu għax wiritha mingħand missieru.

Ikkunsidrat;

L-akkuża li qiegħda tiġi addebitata lill-akkużat hija dik ta' raggion fattasi kontemplata fl-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jistabilixxi li: *"Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur: - Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa."*

Fi kliem il-ġurista Carrara "*La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti."*

Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-għan aħħari tal-leġislatur kien li jipproteġi l-*istatus quo* kontra min jieħu l-liġi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. **<u>Huwa artikolu intiż biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex ma jħallix lill-individwu privat jeżerċita setgħa li fl-aħħar mill-aħħar tispetta lill-awtorita pubblika</u>**. Huwa għalhekk li l-istess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodici Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra. Fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs Anthony Micallef</u>***, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l-artikolu:

*"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. L**-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika**. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.*

*Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali."*

Eżami dettaljat tal-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et*** preseduta mill-Imhallef W. Harding.[1] F'din is-sentenza il-Qorti tal-

[1] Deciza fl-14 ta' Ottubru 1944 u riportata f'Vol. XXXII.iv.768. Dawn l-elementi gew riportati f'sentenzi ohra fosthom ***Il-Pulizija vs Emanuel Muscat et***, deciza fit-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Appell identifikat l-erba' elementi li jridu jiġu sodisfatti sabiex wieħed jkun jista' jitkellem minn sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu:

(a) L-att estern li jispolja lil ħaddiehor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew preżunta ta' dan il-ħaddiehor. Il-ġurista Carrara li ħafna drabi jiġi ċitat bħala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' raġion fattasi jispjega dan l-element bhala ***"un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ..."*** Ikompli jgħid li *"Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale."*

(b) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt;

(c) il-koxjenza tal-aġent li hu jkun qiegħed jagħmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika jew, fi kliem il-Crivellari, *"la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato"*[2]*; u*

(d) n-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.[3]

L-element intenzjonali huwa importanti ferm għaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati oħra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan

[2] *Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749*.

[3] Ara, fost diversi sentenzi, ***Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia***, Appell Kriminali 14 ta' Diċembru 1957, Vol. XLI.iv.1506; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia***, Appell Kriminali 17 ta' Frar 1995; ***Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar***, 18 ta' Settembru 1996. Ara wkoll Falzon, G., ***Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta)*, 1872, p. 123.

joħroġ anke mill-istess definizzjoni tar-reat in diżamina – li l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' **ragion fattasi** jew għal reati oħra (ħsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan ir-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-aġent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika.[4] Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Eileen Said***[5] u ***Il-Pulizija vs Vincent Cortis***[6], il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li *"element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżercita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor, per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha."*

Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tidħol u teżamina l-kwistjoni dwar jekk il-proprjeta` hijiex tal-kwerelant jew le jew inkella il-kwerelant għandux jedd għad-dritt reklamat minnu. Għall-fini tar-reat ipotizzat fl-artikolu 85(1) huwa sufficjenti li l-kwerelant jġib il-prova li huwa għandu xi forma ta' pussess jew inkella detenzjoni.[7] Difatti fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bongailas***, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet għamlitha ċara li: *"Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment għall-ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant,* ***kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-użu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni".***

[4] Ara f'dan is-sens is-sentenza ***Il-Pulizija vs Mario Lungaro***, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 1996.
[5] Deciza fis-19 ta' Gunju 2003
[6] Deciza fis-27 ta' Novembru 2008
[7] Ara sentenza Il-Pulizija vs Dr Michael Caruana – deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-2 ta' Ottubru 2012 (Kawza Nru 103/2009).

L-istess prinċipju ġie rijaffermat fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Attard.***[8] Il-Qorti sahqet li: *"Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux* ***pussess tutelabbli*** *tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali, sew minn wiehed ta' detenzjoni."*[9]

L-ewwel element għalhekk li jrid jiġi ippruvat għall-fini ta' sejbien ta' ħtija huwa l-element tal-pussess tal-kwerelant Joseph Attard vis-à-vis il-propjeta fi Triq Ġorġ Pisani, Rabat, Għawdex.

Jingħad mill-ewwel li din il-Qorti għandha dubji serji dwar il-pussess tal-art in kwistjoni da parti tal-kwerelant fil-mument li seħħ l-allegat każ. Ir-raġuni hija sempliċi ħafna: mix-xhieda ta' Noel Grima jidher li l-persuna li marret fil-propjeta fi Triq Ġorġ Pisani (liema persuna ma ġietx identifikata mix-xhud għaliex huwa lanqas ma kien fuq il-post meta din irrikorriet fil-propjeta) **marret fi propjeta li kien xtara l-istess Grima flimkien ma' oħrajn mingħand il-kwerelant Joseph Attard**. Dan ħareġ mix-xhieda tal-istess Noel Grima. Infatti meta Grima sar jaf b'din il-pretensjoni, huwa għamel kuntatt mal-kwerelant Joseph Attard – il-persuna li x-xhud jidentifikah bħala li xtara l-propjeta mingħandu – biex jinfurmah b'din il-pretensjoni ta' terzi. Għalhekk jidher li din il-persuna ma marritx fil-propjeta li seta' baqagħlu Attard fl-inħawi iżda marret fi propjeta li kien xtara Grima mingħand Attard, liema propjeta Grima kien qiegħed jiżviluppa. Għalhekk la darba Joseph Attard kien iddispona mill-propjeta a favur Grima – fatt li jikkonfermah l-istess Attard wkoll fix-xhieda tiegħu – ma jistax jitqies li Joseph Attard kien għad baqagħlu pussess tal-propjeta fejn mar il-persuna li allega li dik il-propjeta kienet tiegħu. Kif spjega Noel Grima, huwa kien għamel kuntatt ma' Attard għaliex dan Attard kien is-sid preċedenti u huwa ried jinfurmah b'dak li

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008
[9] Ara wkoll Il-Pulizija vs George Zahra – Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Lulju 1958.

kien seħħ tenut kont li huwa kien xtara l-propjeta mingħandu u kien ħareġ ammont sostanzjali ta' flus għal tali akkwist. Għal din il-Qorti għalhekk l-element tal-pussess huwa nieqes kompletament. Din il-Qorti tista' tieqaf hawn u m'għandhiex għalfejn tinoltra ruħha u tevalwa jekk l-elementi l-oħra jirriżultawx. Dan għar-raġuni li l-erba' elementi tar-*raggion fattasi* huma kumulattivi u mhux alternattivi u n-nuqqas ta' element minnhom ikun ifisser li r-reat kontemplat f'dan l-artikolu ma jistax jissussisti. Il-Qorti sejra tillimita ruħha biss biex tirrileva li mill-provi lanqas biss ma ħareġ x'kienet l-azzjoni spoljattiva li wasslet sabiex ġie disturbat il-pussess, jekk għall-grazzja tal-argument kellu jitqies li l-kwerelant kellu xi forma ta' pussess fuq l-art *de quo*. Jidher li kullma kien hemm kienet pretensjoni asserita verbalment li l-propjeta in kwistjoni hija tal-persuna li ressqet tali pretensjoni.

Diffikulta oħra li għandha quddiemha din il-Qorti hija li mhux ċar jekk effettivament kienx l-istess akkużat li ressaq tali pretensjoni u mar fil-propjeta li Attard kien biegħ lil Grima. Ix-xhieda li xehdu f'dawn il-proċeduri preċiżament il-kwerelant Joseph Attard u anke Noel Grima **ma kinux fuq il-post** meta din il-persuna marret fl-għalqa fi Triq Ġorġ Pisani. Noel Grima xehed li kien sar kuntatt miegħu minn ħaddiem tiegħu li infurmah dwar dak li kien seħħ. Dan il-ħaddiem pero la ma ġie identifikat u lanqas inġab biex jixhed f'dawn il-proċeduri. Grima infatti ma kienx fil-posizzjoni li jindika jekk kienx Curmi li kien mar fuq il-post. Min-naħa tiegħu l-kwerelant Joseph Attard jistqarr li huwa kien sempliċiment rċieva telefonata mingħand Noel Grima jinfurmah li kien hemm persuna li kienet qed tgħid li l-propjeta li fiha kien qed jibni Grima hija tiegħu. Mix-xhieda ta' Joseph Attard, jidher li l-persuna tal-akkużat ma kinitx indikata lilu fit-telefonata. Attard jgħid li kien aktar tard li huwa identifika din il-persuna bħala l-akkużat. Pero ma jispjegax kif u għalfejn wasal sabiex identifika lill-akkużat bħala l-persuna li allegatament kienet marret fuq il-post.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti assolutament ma tistax tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat għall-akkuża li ġiet addebitata lilu.

Għar-rigward it-theddid u l-insulti li allegatament ġew indirizzati fil-konfront tal-kwerelant mill-akkużat, fil-komparixxi ma ġew indikati l-ebda akkużi f'dan is-sens u allura din il-Qorti lanqas tista' tieħu konjizzjoni dwar jekk il-kwerelant kienx ġie insultat jew le mill-akkużat.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-**Qorti mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tal-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u għalhekk qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur